**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**12 ta’ April 2019**

**Rikors Numru 88/2018**

**Nima Rabazi**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Nima Rabazi** ipprezentat fl-20 ta’ Awwissu 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*“Illi xi xhur ilu, wara li ha t-tahrig mehtieg, l-esponent ghamel applikazzjoni ghal licenzja ta’ gwardjan privat, liema applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija, ai termini tal-artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita’ (Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta) permezz ta’ decizjoni datata 11 ta’ Gunju 2018 (Dok NR1).*

*Illi skond l-istess artikolu: “Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f’kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: (a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant - (i) tkun instabet ħatja f’Malta jew x’imkien ieħor ta’ .... xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta’ xi delitt gravi ieħor…”*

*Illi huwa minnu illi fis-7 ta’ Jannar 2014 l-esponent instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ ksur tas-segwenti artkoli: l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li ammetta l-akkuzi migjuba kontrih, u gie kkundannat ghal seba’ xhur prigunerja (Dok NR2).*

*Illi l-esponent sab ruhu fic-cirkostanzi fuq deskritti ghaliex huwa ghamel uzu minn passaport falz biex jkun jista' jidhol Malta biex jsib il-kenn mill-persekuzzjoni.*

*Illi sa mill-mument meta wasal Malta, huwa spjega illi kellu jahrab minn pajjizu biex isalva hajtu. Fil-fatt, fl-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija tal-Immigrazzjoni xi sieghat biss wara li wasal Malta (Dok NR3) huwa qal: "I have problems in my country because I converted to Christian and if they knew they would execute me." Meta gie mistoqsi r-raguni ghaliex ghamel uzu minn passaport falz, huwa stqarr li ghamel dan ghaliex: "I wanted to try to get to Europe because of my religion as I told you".*

*Illi fil-fatt, malli nghata l-opportunita', l-esponent applika ghall-azil abbazi ta' persekuzzjoni religjuza, u fis-16 ta' Awwissu 2014 it-talba tieghu giet acettata u huwa gie rikunoxxut bhala rifugjat hawn Malta (Dok NR4).*

*Illi huwa ghadu sal-llum igawdi mill-istess status (Dok NR5 u 6).*

*Illi l-artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rifugjati jghid esplicitament illi: "The Contracting States shall not impose penalties, on account of their illegal entry or presence, on refugees who, coming directly from a territory where their life or freedom was threatened in the sense of article 1, enter or are present in their territory without authorization, provided they present themselves without delay to the authorities and show good cause for their illegal entry or presence."*

*Illi dan l-artikolu gie inkluz fil-Konvenzjoni ghaliex sa mill-bidu gie rikonoxxut illi: "A refugee whose departure from his country of origin is usually a flight, is rarely in a position to comply with the requirements for legal entry (possession of national passport and visa) into the country of refuge. It would be in keeping with the notion of asylum to exempt from penalties a refugee, escaping from persecution, who after crossing the frontier clandestinely, presents himself as soon as possible to the authorities of the country of asylum and is recognized as a bona fide refugee."*[1]

*Illi huwa fatt riknoxxut illi illum, bhal fl-1951 (jekk mhux iktar), ghall-maggoranza tar-rifugjati fid-dinja huwa impossibli li jivvjaggaw b'mod regolari biex jsibu l-kenn.*

---

[1] *The Refugee Convention, 1951: The Travaux Preparatoires analysed with a commentary by Dr Paul Weis*, page 202, accessible at: http://www.unhcr.org/protection/travaux/4ca34be29/refugee-convention-1951-travaux-preparatoires-analysed-commentary-dr-paul.html

*Illi fil-kaz odjern, l-esponent spjega b'mod car, sa mill-ewwel sieghat wara l-wasla tieghu Malta, illi huwa kellu bilfors jahrab biex jsalva hajtu, u l-uniku mod kif seta jaghmel dan kien billi jaghmel uzu minn passaport falz.*

*Illi l-esponent ghalhekk jemmen illi c-cirkostanzi specifici tieghu, li minhabba fihom ma kellux ghazla ghajr li jikkommetti reat biex isalva hajtu, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni mill-awtoritajiet tal-pajjiz meta jigu biex jiehdu decizjoni dwar it-talba tieghu ghal licenzja ta' Gwardjan Privat.*

*Illi wiehed ma jistax jinsa li huwa l-istess Gvern ta' Malta, rapprezentat f'dawn il-proceduri mill-Kummissarju tal-Pulizija, illi rrikonoxxa il-validita' tat-talba tal-esponent ghall-azil u tah il-kenn, wara li gharaf li kien minnu li l-esponent kien ser jiffaccja l-persekuzzjoni minhabba r-religjon f'pajjizu.*

*Illi fil-fatt l-esponent diga hallas prezz gholi ghal agir tieghu, meta gie kkundannat seba' xhur prigunerija mll-Qortii tal-Magistrati.*

*Illi d-decizjoni appellata, ghalkemm mhux intenzjonata bhala kastig, hija ingusta u sproporzjonata u ser taghmilha difficli hafna ghalih li jsib xoghol u jkompli jibni hajtu hawn Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu*

1. *Jiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 11 ta' Gunju 2018 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet imfissra hawn fuq*
2. *Jordna lill-intimat johrog licenzja ghall-Gwardjan Privat lir-rikorrent.*
3. *Jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** datata 11 ta' Settembru 2018 li permezz taghha eccepixxa:
"

1. *Illi fil-meritu, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li jirrifjuta l-ħruġ tal-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-**Artikolu 10 (a) (i)** tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), u ċioe` minħabba delitt kontra l-fiduċja pubblika, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi a contrario ta' dak li qed jipprova jagħti l-impressjoni ir-rikorrent, l-istess instab ħati fis-7 ta' Jannar 2014 u skonta l-piena ta' priġunerija ta' seba' xhur għal reat li huwa kien ikkommetta, u ċioe` ffalsifikar u użu ta' dokumenti. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dan ir-reat bħala wieħed gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **jimponi obbligu fuq il-Kummissarju** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389. Lanqas ma hemm xi perjodu ta' riabilitazzjoni fejn jidħlu delitti kontra l-fiduċja pubblika bħal ma wieħed isib fil-każ ta' delitti kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`;*

4. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

5. *Illi magħdud ma' dan, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi fir-rigward dak li ntqal mir-rikorrent meta qal illi diġa` ħallas prezz għoli għal għemilu u li dan il-fatt huwa bażi biex persuna ma tkunx tista' ssib xogħol jew tipprekludiha minn opportunita` ta' xogħol, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

6. *Illi l-fatt li l-Qorti Kriminali permezz tas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nima Rabazi** tas-7 ta' Jannar 2014, dehrilha li tikkundanna lir-rikorrent għal seba' xhur priġunerija għall-għemil tiegħu, tikkonferma kemm iktar l-esponent Kummissarju kellu jirrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat liem liċenzja tirrikjedi aktar fiduċja u responsabbilta`;*

7. *Illi finalment b'referenza għat-tieni talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema lix-xhud Daniel Muscat prodott mir-rikorrenti;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat li rrifjuta li johrog licenzja ta' gwardjan privat abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali).

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien wasal Malta b'titjira mit-Turkija fis-6 ta' Jannar u dan wara li xi jiem qabel kien telaq minn pajjizu, l-Iran. Jispjega li malli wasal Malta waqqfuh l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni peress li kien qed juza dokumenti foloz biex jidhol Malta. Jixhed illi huwa harab mill-Iran stante li kien ikkonverta ghar-religjon nisranija u kien qieghed jigi persegwitat. Jispjega li l-passaport falz li permezz tieghu wasal Malta kien xtrah u uzah. Jghid li l-ghada li wasal Malta gie akkuzat quddiem il-Qorti, fejn hu ammetta ghalkemm ma kienx fehem il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu. Huwa serva sitt xhur prigunerija. F'April 2018 ghamel kors ghall-gwardjani privati pero` meta applika ghal-licenzja din giet rifjutata minhabba s-sentenza li kienet inghatat fil-konfront tieghu.

**Daniel Muscat**, rapprezentant tal-Kummissarju ghar-Refugjati, xehed illi r-rikorrent ghandu stat ta' refugjat mis-16 ta' Awwissu 2014.

**L-Ispettur Sarah Magri** spjegat li wara li l-Kummissarju intimat jircievi applikazzjoni ghal licenzja ta' gwardjan privat isir *vetting* mad-Dipartimenti diversi tal-Pulizija. Meta rrizulta li kienet inghatat is-sentenza su citata fil-konfront tar-rikorrent kienet ittiehdet id-decizjoni li l-applikazzjoni ghal-licenzja tigi rifjutata.

**Ikkunsidra:**

Illi artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita`) jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju **għandu jirrifjuta** applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' **xi delitt kontra l-fiduċja pubblika** jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

Illi l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut tieghu abbazi ta' sentenza ppronunzjata mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Jannar 2014 fejn ir-rikorrent kien instab hati, fost ohrajn, illi ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokument Israelit jew kellu fil-pussess tieghu dokument Israelit li hu kien jaf li gie ffalsifikat. Illi dan ir-reat jinsab elenkat f'artikolu 189 tal-Kodici Kriminali taht it-Titolu V intitolat "Fuq id-Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika".

Illi r-rikorrent filwaqt li jirrikonoxxi li ghamel uzu minn passaport iffalsifikat, jishaq illi dan ghamlu biex jahrab il-persekuzzjoni li kien hemm f'pajjizu, l-Iran, fil-konront ta' persuni li jhaddnu r-religjon nisranija.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jishaq illi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat ma kinitx wahda ragjonevoli. Illi t-Tribunal huwa tal-umli opinjoni, illi in vista tar-reati li taghhom instab hati r-rikorrent, il-Kummissarju intimat ma kellu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jirrifjutax jew le l-applikazzjoni ghal-licenzja ta' gwardjan privat. Il-Kummissarju intimat kien obbligat li jirrifjuta li jaghti tali licenzja la darba ir-rikorrenti wettaq id-delitti msemmija. Illi filwaqt li m'hemmx dubju illi llum il-gurnata r-rikorrent igawdi min stat ta' refugjat, u li hafna drabi biex refugjati jaslu f'pajjiz terzi ikollhom jaghmlu uzu minn mezzi mhux dejjem legali, min-naha l-ohra jekk il-Kummissarju intimat kellu quddiemu sejbien ta' htija dwar reat kontra l-fiducja pubblika ma setghax jaghmel eccezzjoni la darba l-ligi ma taghmilx tali eccezzjoni. Kif del resto ma jistghax jaghmel dan it-Tribunal. Filwaqt li t-Tribunal jifhem is-sitwazzjoni umanitarja li sab ruhu fiha ir-rikorrent, ma jistghax jiskarta d-dettami tal-ligi ghaliex altriment jkun suggettiv fid-decizjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsibx illi d-decizjoni hija b'xi mod irragjonevoli jew sproporzjonata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**